2024/2007

26.7.2024

FTEHIM BEJN L-UNJONI EWROPEA, MIN-NAĦA WAĦDA, U L-KANADA, MIN-NAĦA L-OĦRA, DWAR IL-PARTEĊIPAZZJONI TAL-KANADA FI PROGRAMMI TAL-UNJONI

L-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Unjoni"),

min-naħa waħda,

u

l-Kanada,

min-naħa l-oħra,

minn hawn 'il quddiem imsejħa b'mod konġunt "il-Partijiet",

FILWAQT LI JIXTIEQU jistabbilixxu qafas dejjiemi għall-kooperazzjoni bejn il-Partijiet b'kundizzjonijiet ċari għall-parteċipazzjoni tal-Kanada fi programmi jew attivitajiet tal-Unjoni, kif ukoll mekkaniżmu li jiffaċilita l-istabbiliment ta' din il-parteċipazzjoni fi programmi jew f'attivitajiet individwali tal-Unjoni;

FILWAQT LI JQISU l-għanijiet, il-valuri u r-rabtiet b'saħħithom komuni tal-Partijiet, stabbiliti fil-passat permezz tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, min-naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra magħmul fi Brussell fit-30 ta' Ottubru 2016, il-Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Kanada, min-naħa l-oħra, magħmul fi Brussell fit-30 ta' Ottubru 2016, u l-Ftehim għall-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada, magħmul f'Halifax fis-17 ta' Ġunju 1995, kif emendat, u filwaqt li tiġi rrikonoxxuta x-xewqa komuni tal-Partijiet li jkomplu jiżviluppaw, isaħħu, jistimulaw u japprofondixxu r-relazzjonijiet u l-kooperazzjoni tagħhom fihom;

FILWAQT LI JAGĦRFU l-importanza ewlenija tal-valuri u tal-prinċipji fundamentali kondiviżi li jirfdu l-kooperazzjoni internazzjonali bejn il-Partijiet fir-riċerka u l-innovazzjoni, bħall-etika u l-integrità fir-riċerka, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs, u l-objettiv kondiviż tal-Partijiet li jrawmu u li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni, inklużi l-universitajiet, u l-iskambju tal-aħjar prattiki u karrieri attraenti fir-riċerka, jiffaċilitaw il-mobbiltà transfruntiera u transsettorjali tar-riċerkaturi, irawmu l-moviment liberu tal-għarfien xjentifiku u l-innovazzjoni, jippromwovu r-rispett tal-libertà akkademika u l-libertà tar-riċerka xjentifika, u jappoġġaw l-edukazzjoni xjentifika u l-attivitajiet ta' komunikazzjoni;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-intenzjoni tal-Partijiet li jikkooperaw u li jikkontribwixxu b'mod reċiproku għall-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni u l-missjonijiet tal-Unjoni li għandhom l-għan li jappoġġaw u jsaħħu l-kapaċitajiet ta' riċerka sabiex jiffaċċjaw sfidi globali kif ukoll li japprofondixxu l-kompetittività industrijali rispettiva tagħhom, u, min-naħa l-oħra, li jiksbu impatt trasformattiv u sistemiku għas-soċjetajiet tagħhom b'appoġġ għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), li huma ta' benefiċċju għaż-żewġ Partijiet;

FILWAQT LI JQISU l-isforzi tal-Unjoni biex tmexxi r-rispons għal sfidi globali billi tingħaqad mas-sħab internazzjonali tagħha biex tindirizzahom f'konformità mal-pjan ta' azzjoni għan-nies, għall-pjaneta u għall-prosperità fir-riżoluzzjoni tan-NU tal-25 ta' Settembru 2015 bit-titolu "Nittrasformaw id-Dinja Tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli", u filwaqt li jiġi rrikonoxxut li r-riċerka u l-innovazzjoni huma għodod ewlenin u essenzjali għat-tkabbir sostenibbli xprunat mill-innovazzjoni, għall-kompetittività ekonomika u għall-attraenza;

BILLI l-Kanada u l-Unjoni huma sħab strateġiċi u jagħżlu li jaħdmu f'kollaborazzjoni fl-oqsma tax-xjenza, tar-riċerka u tal-innovazzjoni, b'rispett reċiproku għall-impenn profond ta' xulxin għall-eċċellenza fir-riċerka, u jsibu modi innovattivi biex jindirizzaw l-isfidi globali;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-intenzjoni tal-Partijiet li jiżviluppaw qafas li jsaħħaħ l-attivitajiet ta' kooperazzjoni filwaqt li jirrispettaw ukoll l-approċċ domestiku ta' xulxin għall-iżvilupp u l-monitoraġġ ta' programmi jew attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni, kif ukoll li jwettqu rieżamijiet, awditi u investigazzjonijiet f'konformità mal-prinċipji tal-proporzjonalità, tal-*bona fide* u tan-nondiskriminazzjoni;

BILLI l-programm Orizzont Ewropa tal-Unjoni il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Programm Orizzont Ewropa") ġie stabbilit mir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-prinċipji ġenerali kif stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/695;

FILWAQT LI JENFASIZZAW ir-rwol tas-Sħubijiet Ewropej previsti fil-Programm Orizzont Ewropa fl-indirizzar ta' wħud mill-aktar sfidi urġenti tal-Ewropa permezz ta' inizjattivi miftiehma ta' riċerka u innovazzjoni li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għal dawk il-prijoritajiet tal-Unjoni fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni li jirrikjedu viżjoni ta' massa kritika u fit-tul, u filwaqt li jenfasizzaw l-importanza tal-involviment ta' pajjiżi assoċjati f'dawk is-Sħubijiet;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li l-parteċipazzjoni reċiproka fil-programmi ta' riċerka u innovazzjoni ta' xulxin għandha tipprovdi benefiċċji reċiproċi, filwaqt li jirrikonoxxu li kull Parti żżomm id-dritt tagħha li tillimita jew li tikkundizzjona l-parteċipazzjoni fil-programmi ta' riċerka u innovazzjoni tagħha, inkluż b'mod partikolari għal azzjonijiet relatati mal-assi strateġiċi, mal-interessi, mal-awtonomija jew mas-sigurtà tagħha,

QABLU FUQ DAN LI ĠEJ:

ARTIKOLU 1

Suġġett

Dan il-Ftehim jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet applikabbli għall-parteċipazzjoni tal-Kanada fi kwalunkwe programm jew attività tal-Unjoni li hija koperta minn Protokoll għal dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "att bażiku" tfisser:

(i) att legali ta' istituzzjoni tal-Unjoni waħda jew aktar, għajr rakkomandazzjoni jew opinjoni, li jistabbilixxi programm, li jipprovdi bażi legali għal azzjoni u għall-implimentazzjoni tan-nefqa korrispondenti mdaħħla fil-baġit tal-Unjoni jew tal-garanzija baġitarja jew tal-assistenza finanzjarja appoġġata mill-baġit tal-Unjoni, inkluż kwalunkwe emenda u kwalunkwe att rilevanti ta' istituzzjoni tal-Unjoni li jissupplimentaw jew jimplimentaw dak l-att, għajr dawk li jadottaw programmi ta' ħidma; jew

(ii) att legali ta' istituzzjoni tal-Unjoni waħda jew aktar, għajr rakkomandazzjoni jew opinjoni, li jistabbilixxi attività ffinanzjata mill-baġit tal-Unjoni għajr programmi, inkluż kwalunkwe emenda u kwalunkwe att rilevanti ta' istituzzjoni tal-Unjoni li jissupplimentaw jew li jimplimentaw dak l-att, għajr dawk li jadottaw programmi ta' ħidma;

(2) "ftehim ta' finanzjament" tfisser ftehimiet relatati ma' programmi jew ma' attivitajiet tal-Unjoni skont il-Protokolli ta' dan il-Ftehim, li fihom tipparteċipa l-Kanada, li jimplimentaw fondi tal-Unjoni, bħal ftehimiet ta' għotja, ftehimiet ta' kontribuzzjoni, ftehimiet qafas ta' sħubija finanzjarja, ftehimiet ta' finanzjament u ftehimiet ta' garanzija;

([1]) Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU UE L 170, 12.5.2021, p. 1).

(3) "regoli oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-implimentazzjoni tal-programm jew tal-attività tal-Unjoni" tfisser ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) ("ir-Regolament Finanzjarju") li japplikaw għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, u fil-programm ta' ħidma jew fis-sejħiet jew fi proċeduri oħrajn ta' għoti tal-Unjoni;

(4) "Proċedura ta' għoti tal-Unjoni" tfisser proċedura għall-għoti ta' finanzjament tal-Unjoni mnedija mill-Unjoni jew minn persuni jew minn entitajiet fdati bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni;

(5) "Entità Kanadiża" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridikali tirrisjedi jew li hija stabbilita fil-Kanada, jew li hija l-Gvern tal-Kanada jew il-gvern ta' provinċja jew territorju Kanadiż, u li tipparteċipa fl-attivitajiet ta' programm jew attività tal-Unjoni f'konformità mal-att bażiku;

(6) "Xjenza Miftuħa" tfisser approċċ għall-proċess xjentifiku bbażat fuq ħidma kooperattiva, għodod u tixrid tal-għarfien, b'aċċess miftuħ għall-pubblikazzjonijiet xjentifiċi li jirriżultaw mir-riċerka ffinanzjata skont il-Programm Orizzont Ewropa. L-aċċess miftuħ huwa pprattikat b'rispett sħiħ għall-privatezza, is-sigurtà, il-kunsiderazzjonijiet etiċi u l-protezzjoni xierqa tal-proprjetà intellettwali, f'konformità mal-prinċipju "kemm jista' jkun miftuħ, magħluq kemm meħtieġ". Il-ġestjoni tad-*data* tar-riċerka tiġi ttrattata f'konformità mal-prinċipji ta' "traċċabbiltà", "aċċessibbiltà", "interoperabbiltà" u "riutilizzabbiltà" (il-"prinċipji FAIR").

ARTIKOLU 3

Stabbiliment tal-parteċipazzjoni

1. Il-Kanada għandha titħalla tipparteċipa u tikkontribwixxi fi programmi jew f'attivitajiet tal-Unjoni, jew f'partijiet minnhom, li jkunu miftuħa għall-parteċipazzjoni tal-Kanada f'konformità mal-atti bażiċi u kif koperti mill-Protokolli ta' dan il-Ftehim.

2. It-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi għall-parteċipazzjoni tal-Kanada fi kwalunkwe programm jew attività partikolari tal-Unjoni għandhom jiġu stabbiliti f'wieħed jew aktar mill-Protokolli ta' dan il-Ftehim, li jistgħu jiġu adottati u emendati b'deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt f'konformità mal-Artikolu 16.

3. It-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi għall-parteċipazzjoni tal-Kanada fil-Programm Orizzont Ewropa huma stabbiliti fil-Protokoll dwar l-Assoċjazzjoni tal-Kanada ma' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll dwar l-Assoċjazzjoni tal-Kanada ma' Orizzont Ewropa").

4. Il-Protokolli ta' dan il-Ftehim għandhom:

(a) jidentifikaw il-programmi jew l-attivitajiet tal-Unjoni, jew partijiet minnhom, li fihom għandha tipparteċipa l-Kanada;

(b) jistabbilixxu d-durata tal-parteċipazzjoni tal-Kanada, li għandha tirreferi għall-perjodu ta' żmien li matulu l-Kanada u l-entitajiet Kanadiżi jistgħu japplikaw għall-finanzjament tal-Unjoni jew jistgħu jiġu fdati bl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni;

(c) jistabbilixxu kundizzjonijiet speċifiċi għall-parteċipazzjoni tal-Kanada u tal-entitajiet Kanadiżi, inkluż modalitajiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet finanzjarji kif identifikati skont l-Artikoli 6 u 7 ta' dan il-Ftehim, u, meta applikabbli, modalitajiet speċifiċi għall-mekkaniżmu ta' korrezzjoni msemmi fl-Artikolu 8 ta' dan il-Ftehim, u kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni fi strutturi maħluqa għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' dawk il-programmi jew l-attivitajiet tal-Unjoni;

(d) meta applikabbli, jistabbilixxu l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Kanada għal programm tal-Unjoni implimentat permezz ta' strument finanzjarju jew ta' garanzija baġitarja.

5. Il-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 4(c) ta' dan l-Artikolu għandhom jikkonformaw ma' dan il-Ftehim u l-atti bażiċi u l-atti ta' istituzzjoni waħda jew aktar tal-Unjoni li jistabbilixxu dawk l-istrutturi.

([2]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

ARTIKOLU 4

Konformità mar-regoli tal-programm jew tal-attività tal-Unjoni

1. Il-Kanada għandha tipparteċipa fil-programmi jew fl-attivitajiet tal-Unjoni, jew f'partijiet minnhom, koperti mill-Protokolli ta' dan il-Ftehim skont it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Ftehim u l-Protokolli ta' dan il-Ftehim, fl-atti bażiċi u fir-regoli l-oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-implimentazzjoni tal-programm jew l-attività tal-Unjoni.

2. It-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jinkludu:

(a) l-eliġibbiltà tal-entitajiet Kanadiżi u kwalunkwe kundizzjoni oħra ta' eliġibbiltà relatata mal-Kanada, b'mod partikolari mal-oriġini, mal-post ta' attività jew man-nazzjonalità; u

(b) t-termini u l-kundizzjonijiet applikabbli għas-sottomissjoni, għall-valutazzjoni u għall-għażla tal-applikazzjonijiet u għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet minn entitajiet Kanadiżi eliġibbli.

3. It-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2(b) ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu ekwivalenti għal dawk applikabbli għall-entitajiet eliġibbli tal-Istati Membri tal-Unjoni (minn hawn'il quddiem imsejħa "Stati Membri"), inkluż ir-rispett għall-miżuri restrittivi tal-Unjoni adottati skont it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jew it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, sakemm ma jkunx previst mod ieħor fit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

ARTIKOLU 5

Parteċipazzjoni tal-Kanada fil-governanza tal-programmi jew l-attivitajiet tal-Unjoni.

1. Ir-rappreżentanti jew l-esperti tal-Kanada jew l-esperti maħtura mill-Kanada għandhom jitħallew jieħdu sehem, bħala osservaturi, fil-kumitati, fil-laqgħat tal-gruppi ta' esperti jew f'laqgħat simili oħrajn li fihom ir-rappreżentanti jew l-esperti tal-Istati Membri tal-Unjoni (minn hawn 'il quddiem imsemmija "Stati Membri"), jew esperti maħtura mill-Istati Membri jieħdu sehem u li jassistu lill-Kummissjoni Ewropea fl-implimentazzjoni u fil-ġestjoni tal-programmi jew l-attivitajiet tal-Unjoni, jew ta' partijiet minnhom, li fihom il-Kanada tipparteċipa f'konformità mal-Artikolu 3 ta' dan il-Ftehim jew huma stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni fir-rigward ta' dawk il-programmi jew l-attivitajiet tal-Unjoni, jew partijiet minnhom, sakemm dawk il-laqgħat ma jkunux jikkonċernaw punti riżervati biss għall-Istati Membri jew b'rabta ma' programm jew attività tal-Unjoni, jew partijiet minnhom, li l-Kanada ma hijiex qiegħda tipparteċipa fihom. Ir-rappreżentanti jew l-esperti tal-Kanada, jew l-esperti maħtura mill-Kanada, ma għandhomx ikunu preżenti fil-ħin tal-votazzjoni. Il-Kanada għandha tiġi informata bir-riżultat tal-votazzjoni.

2. Meta l-esperti jew l-evalwaturi ma jinħatrux abbażi tan-nazzjonalità, in-nazzjonalità ma għandhiex tkun raġuni biex jiġu esklużi ċ-ċittadini Kanadiżi.

3. Soġġett għall-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti Kanadiżi fil-laqgħat imsemmija fil-paragrafu 1, jew f'laqgħat oħrajn relatati mal-implimentazzjoni ta' programmi jew attivitajiet tal-Unjoni, għandha tkun irregolata mill-istess regoli u proċeduri bħal dawk applikabbli għar-rappreżentanti tal-Istati Membri fir-rigward tad-drittijiet tal-kelma, il-wasla ta' informazzjoni u dokumentazzjoni, sakemm ma tkunx tikkonċerna punti riżervati biss għall-Istati Membri jew fir-rigward ta' programm jew attività tal-Unjoni, jew partijiet minnhom, li fihom il-Kanada ma tkunx qiegħda tipparteċipa. Il-Protokolli ta' dan il-Ftehim jistgħu jispeċifikaw modalitajiet ulterjuri għar-rimborż tal-kostijiet tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza.

4. Il-Protokolli ta' dan il-Ftehim jistgħu jispeċifikaw modalitajiet ulterjuri għall-parteċipazzjoni tal-esperti, kif ukoll għall-parteċipazzjoni tal-Kanada fil-bordijiet ta' tmexxija u fl-istrutturi maħluqa għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' programmi jew attivitajiet tal-Unjoni ddefiniti fil-Protokolli rilevanti.

ARTIKOLU 6

Kundizzjonijiet finanzjarji

1. Il-parteċipazzjoni tal-Kanada jew ta' entitajiet Kanadiżi fi programmi jew f'attivitajiet tal-Unjoni, jew f'partijiet minnhom, għandha tkun soġġetta għal kontribuzzjoni finanzjarja tal-Kanada għall-finanzjament korrispondenti skont il-baġit ġenerali tal-Unjoni (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"baġit tal-Unjoni").

2. Għal kull programm jewattività tal-Unjoni, jew partijiet minnhom, il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tieħu l-forma tas-somma ta':

(a) kontribuzzjoni operazzjonali; u

(b) tariffa tal-parteċipazzjoni.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha tieħu l-forma ta' pagament annwali li jsir f'pagament wieħed jew aktar.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu u għall-Artikolu 7, it-tariffa tal-parteċipazzjoni għandha tkun 4 % tal-kontribuzzjoni operazzjonali annwali u ma għandhiex tkun soġġetta għal aġġustamenti retrospettivi. Mill-2028, il-livell tat-tariffa tal-parteċipazzjoni jista' jiġi aġġustat mill-Kumitat Konġunt

5. Il-kontribuzzjoni operazzjonali għandha tkopri l-infiq operazzjonali u ta' appoġġ u tkun addizzjonali kemm f'approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll f'approprjazzjonijiet ta' pagament għall-ammonti mdaħħla fil-baġit tal-Unjoni adottat b'mod definittiv għal programmi jew attivitajiet tal-Unjoni, jew partijiet minnhom, miżjuda, meta xieraq, bi dħul assenjat estern li ma jirriżultax minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għal programmi jew attivitajiet tal-Unjoni minn donaturi oħrajn koperti mill-Protokolli rilevanti ta' dan il-Ftehim.

6. Il-kontribuzzjoni operazzjonali għandha tkun ibbażata fuq kjavi ta' kontribuzzjoni ddefinita bħala l-proporzjon tal-prodott domestiku gross (PDG) tal-Kanada bil-prezzijiet tas-suq għall-PDG tal-Unjoni bil-prezzijiet tas-suq. Il-PDG bil-prezzijiet tas-suq li għandhom jiġu applikati għandhom jiġu ddeterminati mis-servizzi ddedikati tal-Kummissjoni Ewropea abbażi tal-aktar statistika reċenti disponibbli għall-kalkoli tal-baġit fis-sena ta' qabel is-sena li fiha huwa dovut il-pagament annwali. L-aġġustamenti għal din il-kjavi ta' kontribuzzjoni jistgħu jiġu stabbiliti fil-Protokolli rilevanti ta' dan il-Ftehim. L-aġġustamenti jistgħu jvarjaw minn sena għal sena u jistgħu jiġu espressi bħala koeffiċjent.

7. Il-kontribuzzjoni operazzjonali għandha tkun ibbażata fuq l-applikazzjoni tal-kjavi ta' kontribuzzjoni għall-approprjazzjonijiet ta' impenn inizjali miżjuda kif deskritt fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu mdaħħla fil-baġit tal-Unjoni adottat b'mod definittiv għas-sena applikabbli għall-finanzjament tal-programmi jew l-attivitajiet tal-Unjoni jew ta' partijiet minnhom li fihom tipparteċipa l-Kanada.

8. B'deroga mill-paragrafi 6 u 7, il-kontribuzzjoni operazzjonali annwali tal-Kanada għall-Programm Orizzont Ewropa għas-snin 2024 sal-2027 għandha tiġi stabbilita f'ammonti fissi stabbiliti fl-Anness I tal-Protokoll dwar l-Assoċjazzjoni tal-Kanada ma' Orizzont Ewropa.

9. It-tariffa tal-parteċipazzjoni msemmija fil-paragrafu 2(b), ta' dan l-Artikolu għandha tiġi ddeterminata bil-perċentwali li ġejjin għas-snin 2024sal-2027:

— 2024: 2 %;

— 2025: 2,5 %;

— 2026: 3 %;

— 2027: 4 %.

10. Fuq talba, l-Unjoni għandha tipprovdi lill-Kanada b'informazzjoni fir-rigward tal-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha kif inkluża fl-informazzjoni relatata mal-baġit, mal-kontabbiltà, mal-prestazzjoni u mal-evalwazzjoni pprovduta lill-awtoritajiet baġitarji u tal-kwittanza tal-Unjoni dwar il-programmi jew l-attivitajiet tal-Unjoni jew partijiet minnhom, li fihom tipparteċipa l-Kanada. Dik l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta filwaqt li titqies kif xieraq il-liġi ta' kull Parti li tindirizza l-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad- u hija mingħajr preġudizzju għall-informazzjoni li l-Kanada hija intitolata li tirċievi skont dan il-Ftehim.

11. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji kollha tal-Kanada jew il-pagamenti mill-Unjoni, u l-kalkolu tal-ammonti dovuti jew li għandhom jiġu riċevuti, għandhom isiru f'euro.

12. Id-dispożizzjonijiet dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu huma stabbiliti fil-Protokolli rilevanti ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 7

Programmi jew attivitajiet tal-Unjoni li għalihom japplika mekkaniżmu ta' aġġustament tal-kontribuzzjoni operazzjonali

1. Jekk ikun previst hekk fi Protokoll ta' dan il-Ftehim, il-kontribuzzjoni operazzjonali ta' programm jewattività tal-Unjoni, jew partijiet minnhom, għas-sena N tista' tiġi aġġustata b'mod retrospettiv f'sena sussegwenti waħda jew aktar, abbażi tal-impenji baġitarji magħmula fuq l-approprjazzjonijiet ta' impenn ta' dik is-sena, l-implimentazzjoni tagħhom permezz ta' impenji legali u d-diżimpenn tagħhom.

2. L-ewwel aġġustament għandu jsir fis-sena N+1 meta l-kontribuzzjoni operazzjonali għandha tiġi aġġustata bid-differenza bejn il-kontribuzzjoni u kontribuzzjoni aġġustata kkalkolata bl-applikazzjoni tal-kjavi ta' kontribuzzjoni tas-sena N, aġġustata permezz tal-applikazzjoni ta' koeffiċjent jekk il-Protokoll rilevanti ta' dan il-Ftehim jipprevedi dan, għas-somma ta':

(a) l-ammont ta' impenji baġitarji magħmula fuq approprjazzjonijiet ta' impenn awtorizzati fis-sena N skont il-baġit tal-Unjoni adottat u fuq approprjazzjonijiet ta' impenn li jikkorrispondu għal impenji magħmula disponibbli mill-ġdid; u

(b) kwalunkwe approprjazzjoni ta' dħul assenjat estern li ma tirriżultax minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għal programmi jew attivitajiet tal-Unjoni minn donaturi oħrajn koperti fi Protokolli rilevanti ta' dan il-Ftehim u li kienet disponibbli fi tmiem is-sena N.

3. Kull sena sussegwenti, sakemm l-impenji baġitarji kollha ffinanzjati skont l-approprjazzjonijiet ta' impenn li joriġinaw mis-sena N ikunu tħallsu jew ikunu ġew diżimpenjati u mhux aktar tard minn 3 snin wara tmiem il-programm tal-Unjoni jew wara tmiem il-qafas finanzjarju pluriennali li jikkorrispondi għas-sena N, skont liema jiġi l-ewwel, l-Unjoni għandha tikkalkula aġġustament tal-kontribuzzjoni tas-sena N billi tnaqqas il-kontribuzzjoni Kanadiża bl-ammont miksub bl-applikazzjoni tal-kjavi ta' kontribuzzjoni, aġġustat jekk il-Protokoll rilevanti jipprevedi dan, tas-sena N għad-diżimpenji li jsiru kull sena fuq l-impenji tas-sena N iffinanzjati skont il-baġit tal-Unjoni jew minn diżimpenji li jkunu reġgħu saru disponibbli.

4. Jekk l-approprjazzjonijiet tad-dħul assenjat estern li ma jirriżultawx minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għal programmi jew attivitajiet tal-Unjoni minn donaturi oħrajn koperti mill-Protokolli rilevanti ta' dan il-Ftehim jiġu kkanċellati, il-kontribuzzjoni tal-Kanada għall-programm jew l-attività rilevanti tal-Unjoni, jew għal partijiet minnhom, għandha titnaqqas bl-ammont miksub bl-applikazzjoni tal-kjavi ta' kontribuzzjoni, aġġustata jekk il-Protokoll rilevanti jipprevedi dan, tas-sena N għall-ammont ikkanċellat.

ARTIKOLU 8

Programmi jew attivitajiet tal-Unjoni li għalihom japplika mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika

1. Għandu japplika mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika fir-rigward ta' dawk il-programmi jew attivitajiet tal-Unjoni, jew partijiet minnhom, li għalihom hija prevista l-applikazzjoni ta' mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika fi Protokoll ta' dan il-Ftehim. L-applikazzjoni ta' dak il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika tista' tkun limitata għal partijiet tal-programm jew tal-attività speċifikati f' dak il-Protokoll ta' dan il-Ftehim li jiġu implimentati permezz ta' għotjiet li għalihom jiġu organizzati sejħiet kompetittivi. Regoli dettaljati dwar l-identifikazzjoni tal-partijiet tal-programm jew tal-attività tal-Unjoni li għalihom japplika jew ma japplikax il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika jistgħu jiġu stabbiliti fil-Protokoll rilevanti ta' dan il-Ftehim.

2. L-ammont tal-korrezzjoni awtomatika għal programm jew attività tal-Unjoni, jew partijiet minnhom, għandu jkun id-differenza bejn l-ammonti inizjali tal-impenji legali li fil-fatt saru mal-Kanada jew mal-entitajiet Kanadiżi ffinanzjati mill-approprjazzjonijiet ta' impenn tas-sena inkwistjoni u l-kontribuzzjoni operazzjonali korrispondenti mħallsa mill-Kanada kif aġġustata skont l-Artikolu 7 jekk il-Protokoll rilevanti ta' dan il-Ftehim jipprevedi dan l-aġġustament, bl-esklużjoni tan-nefqa ta' appoġġ, li tkopri l-istess perjodu.

3. Regoli dettaljati dwar l-istabbiliment tal-ammonti rilevanti tal-impenji legali msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, inkluż fil-każ ta' konsorzji, u dwar il-kalkolu tal-korrezzjoni awtomatika, jistgħu jiġu stabbiliti fil-Protokoll rilevanti ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 9

Rieżamijiet u awditi

1. F'konformità mal-atti applikabbli ta' istituzzjoni tal-Unjoni waħda jew aktar u sa fejn previst fil-ftehim ta' finanzjament rilevanti u kwalunkwe kuntratt applikabbli ieħor, l-Unjoni tista' twettaq rieżamijiet u awditi tekniċi, xjentifiċi, finanzjarji jew tipi oħrajn ta' rieżamijiet u awditi fil-bini ta' kwalunkwe entità Kanadiża li hija parti għall-ftehim ta' finanzjament rilevanti, kif ukoll kwalunkwe entità Kanadiża terza li timplimenta l-ftehim ta' finanzjament. Tali rieżami u awditu jistgħu jitwettqu mill-uffiċjali tal-Unjoni, b'mod partikolari l-uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, jew minn persuni oħrajn maħtura mill-Kummissjoni Ewropea. Meta jeżerċitaw id-dmirijiet tagħhom fit-territorju tal-Kanada, il-Kummissjoni Ewropea jew persuni oħrajn maħtura mill-Kummissjoni Ewropea għandhom jaġixxu b'mod kompatibbli mal-liġi Kanadiża.

2. Meta jwettqu rieżami jew awditu kif msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-uffiċjali tal-Unjoni, b'mod partikolari l-uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, u l-persuni l-oħrajn maħtura mill-Kummissjoni Ewropea, jista' jkollhom aċċess xieraq għal siti, xogħlijiet u dokumenti (kemm f'verżjonijiet elettroniċi kif ukoll f'dawk stampati) u għall-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex iwettqu tali awditi, inkluż id-dritt li jiksbu kopja fiżika/elettronika ta' kwalunkwe dokument, jew estratti minnu, jew il-kontenut ta' kwalunkwe mezz ta' , miżmum mill-persuna fiżika jew ġuridika awditjata, jew mill-parti terza awditjata.

3. Il-Kanada ma għandhiex tadotta miżuri fir-rigward tad-dħul fil-Kanada jew l-aċċess għal bini bil-għan li jiġu pprevenuti jew imfixkla r-rieżamijiet jew l-awditi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dan il-paragrafu ma għandux jiġi interpretat b'mod li jipprevjeni lill-Kanada milli tadotta jew iżżomm miżuri ta' applikazzjoni ġenerali, inklużi rekwiżiti ġenerali tal-viża. Dawk il-miżuri ta' applikazzjoni ġenerali ma għandhomx jitqiesu bħala li jannullaw jew ifixklu r-rieżamijiet jew l-awditi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

4. Ir-rieżamijiet u l-awditi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jistgħu jitwettqu, wara s-sospensjoni tal-applikazzjoni ta' Protokoll ta' dan il-Ftehim skont il-paragrafu 5 tal-Artikolu 19ta' dan il-Ftehim, il-waqfien tal-applikazzjoni provviżorja, jew it-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim, fir-rigward ta' kwalunkwe impenn legali li jimplimenta l-baġit tal-Unjoni li tkun daħlet għalih l-Unjoni qabel id-data li fiha tidħol fis-seħħ is-sospensjoni tal-applikazzjoni tal-Protokoll rilevanti, il-waqfien tal-applikazzjoni provviżorja jew it-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 10

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni kontra l-irregolaritajiet

1. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jistgħu jwettqu investigazzjonijiet amministrattivi, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, fit-territorju tal-Kanada ta' entità Kanadiża li hija parti għal ftehim ta' finanzjament rilevanti jew entità Kanadiża terza li timplimenta l-ftehim ta' finanzjament skont kuntratt, f'konformità mal-ftehim ta' finanzjament rilevanti u kuntratt applikabbli ieħor, u sa fejn previst fih. Dawk l-investigazzjonijiet għandhom jitwettqu f'konformità mat-termini u mal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-atti applikabbli ta' istituzzjoni tal-Unjoni waħda jew aktar. Meta jeżerċitaw id-dmirijiet tagħhom fit-territorju tal-Kanada, il-Kummissjoni Ewropea u l-OLAF għandhom jaġixxu b'mod konsistenti mal-liġi Kanadiża.

2. Il-punt ta' kuntatt Kanadiż maħtur għandu, kif xieraq, jinforma lill-Kummissjoni Ewropea jew lill-OLAF fi żmien raġonevoli bi kwalunkwe fatt jew suspett li jkun sar jaf bih dwar irregolarità, frodi jew attività illegali oħra relatata ma' ftehim ta' finanzjament jew kuntratt imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

3. Meta titwettaq investigazzjoni amministrattiva msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jistgħu jitwettqu kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post fil-bini tal-entità Kanadiża msemmija f'dak il-paragrafu, kif ukoll ta' kwalunkwe entità Kanadiża oħra li tagħti l-kunsens tagħha.

4. Il-kontrolli u l-ispezzjonijiet fuq il-post għandhom jitħejjew u jitwettqu mill-Kummissjoni Ewropea jew mill-OLAF f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-punt ta' kuntatt Kanadiż maħtur. Il-punt ta' kuntatt maħtur għandu jiġi nnotifikat kmieni biżżejjed bil-għan, bl-iskop u bil-bażi ġuridika tal-kontrolli u tal-ispezzjonijiet. L-uffiċjali identifikati mill-punt ta' kuntatt Kanadiż jistgħu jipparteċipaw fil-kontrolli u fl-ispezzjonijiet fuq il-post.

5. Fuq talba tal-punt ta' kuntatt Kanadiż maħtur, il-kontrolli u l-ispezzjonijiet fuq il-post jistgħu jitwettqu b'mod konġunt mal-Kummissjoni Ewropea jew mal-OLAF.

6. Meta jwettqu investigazzjoni amministrattiva msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-uffiċjali tal-Unjoni jista' jkollhom aċċess għall-informazzjoni u għad-dokumentazzjoni kollha, inkluża *data* tal-kompjuter, dwar l-operazzjonijiet ikkonċernati, li huma meħtieġa għat-twettiq xieraq tal-kontrolli u tal-ispezzjonijiet fuq il-post. Huma jistgħu, b'mod partikolari, jikkupjaw id-dokumenti rilevanti.

7. Meta l-entità Kanadiża msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tirreżisti kontroll jew spezzjoni fuq il-post, il-punt ta' kuntatt Kanadiż maħtur, li jaġixxi f'konformità mal-liġi Kanadiża, għandu jipprovdi informazzjoni jew dokumentazzjoni, kif xieraq, biex jassisti lill-Kummissjoni Ewropea jew lill-OLAF biex jissodisfa d-dmir tiegħu fit-twettiq ta' kontroll jew spezzjoni fuq il-post. F'dan il-kuntest, il-punt ta' kuntatt Kanadiż maħtur jista' wkoll, kif xieraq, jiffaċilita l-għoti ta' informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti Kanadiżi dwar fatt jew suspett li jkun wasal għall-attenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea jew tal-OLAF relatat ma' reat kriminali fil-Kanada waqt li jkun qed iwettaq il-kontroll jew l-ispezzjoni fuq il-post, għall-fini tas-salvagwardja tal-evidenza għal investigazzjoni ta' reat kriminali Kanadiż.

8. Il-Kummissjoni Ewropea jew l-OLAF għandu jinforma lill-punt ta' kuntatt Kanadiż maħtur bir-riżultat ta' dawn il-kontrolli u l-ispezzjonijiet. B'mod partikolari, il-Kummissjoni Ewropea jew l-OLAF għandu jirrapporta malajr kemm jista' jkun lill-punt ta' kuntatt b'kull fatt jew suspett relatat ma' irregolarità li jkun intebaħ bih waqt il-kontroll jew l-ispezzjoni fuq il-post.

9. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-liġi kriminali Kanadiża, il-Kummissjoni Ewropea tista' timponi miżuri u penali amministrattivi fuq l-entitajiet Kanadiżi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

10. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni xierqa ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni Ewropea jew l-OLAF u l-punt ta' kuntatt maħtur għandhom jiskambjaw regolarment informazzjoni u, fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, jikkonsultaw lil xulxin.

11. Sabiex jiġu ffaċilitati l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni effettivi mal-OLAF, il-Kanada għandha taħtar punt ta' kuntatt.

12. L-informazzjoni skambjata bejn il-Kummissjoni Ewropea jew l-OLAF u l-punt ta' kuntatt maħtur għandha ssir b'kunsiderazzjoni xierqa tar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità. Id- personali inkluża fl-iskambju ta' informazzjoni għandha tiġi protetta f'konformità mar-regoli applikabbli.

ARTIKOLU 11

Il-kooperazzjoni fir-rigward ta' reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni

L-awtoritajiet Kanadiżi għandhom jikkooperaw, f'konformità mal-istrumenti ta' kooperazzjoni internazzjonali applikabbli, inklużi dawk bejn il-Kanada u l-Istati Membri jew l-Unjoni, jew kif permess mod ieħor skont il-liġi domestika tal-Kanada, mal-awtoritajiet tal-Unjoni jew tal-Istati Membri kompetenti għall-investigazzjoni u għall-prosekuzzjoni ta' reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, inkluż it-tressiq għall-ġudizzju ta' allegati awturi u kompliċi ta' dawk ir-reati kriminali. It-talbiet ippreżentati lill-Kanada skont l-istrumenti ta' kooperazzjoni internazzjonali applikabbli jistgħu jinkludu, kif applikabbli, talbiet magħmula fir-rigward ta' investigazzjonijiet jew prosekuzzjonijiet tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew.

ARTIKOLU 12

Il-Kondiviżjoni tal-informazzjoni

Il-Partijiet għandhom jiskambjaw informazzjoni fir-rigward, tar-rieżamijiet, awditi u attivitajiet oħrajn imsemmija fl-Artikoli 9 u 10 b'kunsiderazzjoni xierqa tal-liġi dwar il-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-*data* ta' kull Parti.

ARTIKOLU 13

Irkupru u infurzar

1. Il-Kummissjoni Ewropea tista' tadotta deċiżjoni li timponi obbligu pekunarju fuq entità Kanadiża li hija parti għal ftehim ta' finanzjament rilevanti għajr l-Istat fir-rigward ta' kwalunkwe pretensjoni li tirriżulta mill-ftehim ta' finanzjament. Jekk, wara n-notifika ta' dik id-deċiżjoni lill-entità Kanadiża f'konformità mal-Artikolu 14, dik l-entità ma tħallasx fil-perjodu preskritt, il-Kummissjoni Ewropea għandha tinnotifika lill-punt ta' kuntatt Kanadiż maħtur bid-deċiżjoni. Il-Kanada għandha tħallas lill-Kummissjoni Ewropea l-ammont tal-obbligu pekunarju wara li tiġi nnotifikata sakemm il-Kummissjoni Ewropea ma tkunx lestiet il-proċeduri standard applikabbli tagħha biex tinforza d-deċiżjoni. Jekk il-Kanada tħallas l-ammont tal-obbligu pekunarju, il-Kanada tista' titlob rifużjoni tal-ammont mill-entità Kanadiża li fuqha huwa impost l-obbligu pekunarju u l-Kummissjoni Ewropea għandha tipprovdi d-dokumentazzjoni rilevanti dwar il-pagament li jsir jekk mitluba mill-Kanada.

2. Il-Kanada għandha tinnotifika l-punt ta' kuntatt Kanadiż maħtur tagħha lill-Kummissjoni Ewropea.

3. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha ġuriżdizzjoni biex tirrieżamina l-legalità tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropew msemmija fil-paragrafu 1 u biex tissospendi l-infurzar tagħhom.

ARTIKOLU 14

Komunikazzjoni u skambju ta' informazzjoni

L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni involuti fl-implimentazzjoni ta' programmi jew attivitajiet tal-Unjoni jew fil-kontroll tagħhom, jistgħu jikkomunikaw direttament, inkluż permezz ta' sistemi ta' skambju elettroniku, ma' kwalunkwe persuna fiżika residenti fil-Kanada jew entità ġuridika stabbilita fil-Kanada li tirċievi finanzjament mill-Unjoni, kif ukoll ma' kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-finanzjament tal-Unjoni li tirrisjedi jew li hija stabbilita fil-Kanada għal skop rilevanti għal ftehim ta' finanzjament u għal kuntratt applikabbli ieħor konkluż għall-implimentazzjoni ta' dak il-programm jew dik l-attività tal-Unjoni. Dawk il-persuni, l-entitajiet u l-partijiet terzi jistgħu jissottomettu direttament lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Unjoni, informazzjoni u dokumentazzjoni rilevanti li huma meħtieġa jissottomettu abbażi tal-ftehim ta' finanzjament rilevanti u kuntratti applikabbli oħrajn konklużi biex jimplimentaw dak il-programm jew dik l-attività, u f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli għal dak il-programm jew l-attività.

ARTIKOLU 15

Il-Kumitat Konġunt

1. Il-Partijiet b'dan jistabbilixxu l-Kumitat Konġunt. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Unjoni u tal-Kanada.

2. Ħlief kif jista' jkun previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jaġixxi f'konformità mar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt stabbiliti fl-Anness I ta' dan il-Ftehim.

3. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, il-kompiti tal-Kumitat Konġunt għandhom jikkonsistu minn:

(a) il-valutazzjoni, l-evalwazzjoni u r-rieżami tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u l-Protokolli ta' dan il-Ftehim, b'mod partikolari:

(i) il-parteċipazzjoni u l-prestazzjoni tal-entitajiet legali tal-Kanada fil-programmi u fl-attivitajiet tal-Unjoni;

(ii) meta rilevanti, il-livell ta' ftuħ reċiproku għall-entitajiet legali stabbiliti f'kull Parti sabiex jipparteċipaw fi programmi, proġetti, azzjonijiet, jew attivitajiet, jew partijiet minnhom, tal-Parti l-oħra;

(iii) l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kontribuzzjoni finanzjarja u, meta rilevanti, il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika applikabbli għall-programmi jew għall-attivitajiet tal-Unjoni koperti mill-Protokolli ta' dan il-Ftehim;

(iv) l-iskambju ta' informazzjoni u, meta rilevantii, l-eżaminazzjoni ta' kwalunkwe mistoqsija possibbli dwar l-isfruttament tar-riżultati, inklużi d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali; u

(v) id-diskussjoni fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, dwar it-tariffa tal-parteċipazzjoni u l-aġġustamenti għal-livell tat-tariffa tal-parteċipazzjoni għas-snin ta' wara l-2027;

(b) id-diskussjoni fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, dwar restrizzjonijiet applikati jew ippjanati minn Parti waħda jew miż-żewġ Partijiet dwar l-aċċess għall-programmi rispettivi tagħhom ta' riċerka u innovazzjoni, inkluż b'mod partikolari għal azzjonijiet relatati mal-assi strateġiċi, l-interessi, l-awtonomija jew is-sigurtà tagħhom;

(c) l-eżaminazzjoni ta' kif tista' tittejjeb u tiġi żviluppata l-kooperazzjoni;

(d) id-diskussjoni b'mod konġunt tal-orjentazzjonijiet u l-prijoritajiet futuri tal-politiki relatati ma' programmi jew ma' attivitajiet koperti mill-Protokolli ta' dan il-Ftehim;

(e) l-iskambju ta' informazzjoni li hija rilevanti għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u l-Protokolli ta' dan il-Ftehim, inkluż, dwar leġiżlazzjoni, miżuri jew programmi nazzjonali ġodda; u

(f) l-iżvilupp, il-kunsiderazzjoni jew l-adozzjoni ta' Protokolli ġodda ta' dan il-Ftehim dwar termini u kundizzjonijiet speċifiċi ta' parteċipazzjoni tal-Kanada fi programmi jew attivitajiet tal-Unjoni, jew, partijiet minnhom, emendi għall-Protokolli eżistenti ta' dan il-Ftehim jew għall- għall-paragrafu 4 tal-Artikoli 6, l-Artkoli 9, 10 jew 11 ta' dan il-Ftehim, jew emendi għall-Anness I ta' dan il-Ftehim, f'konformità mal-Artikolu 16 u kwalunkwe rekwiżit jew proċedura legali applikabbli tal-Partijiet.

4. Il-Kumitat Konġunt jista' jistabbilixxi grupp ta' ħidma jew korp konsultattiv fuq bażi *ad hoc* fil-livell ta' esperti li jista' jassisti fit-twettiq tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

5. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' mill-anqas darba fis-sena, u, kull meta ċirkostanzi speċjali jirrikjedu dan, fuq talba ta' Parti.

ARTIKOLU 16

Id-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt

1. Il-Kumitat Konġunt għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'kunsens.

2. Meta r-rappreżentanti tal-Kumitat Konġunt ikunu debitament awtorizzati minn qabel jekk ikun meħtieġ skont il-proċeduri legali applikabbli tagħhom, il-Kumitat Konġunt jista' jiżviluppa u jqis:

(a) Protokolli ġodda ta' dan il-Ftehim dwar termini u kundizzjonijiet speċifiċi ta' parteċipazzjoni tal-Kanada fi programmi jew attivitajiet tal-Unjoni, jew partijiet minnhom;

(b) emendi għall-Protokolli eżistenti ta' dan il-Ftehim;

(c) emendi għall-paragrafu 4 tal-Artikolu 6ta' dan il-Ftehim;

(d) emendi għall-Artikoli 9, 10 jew 11 ta' dan il-Ftehim sa fejn dawn ikunu meħtieġa jqisu l-bidliet li jsiru fl-atti ta' istituzzjoni tal-Unjoni waħda jew aktar; jew,

(e) emendi għall-Anness I ta' dan il-Ftehim.

3. Minkejja l-paragrafu 13 tal-Artikolu 19 ta' dan il-Ftehim, wara li r-rappreżentanti tal-Kumitat Konġunt ikunu debitament awtorizzati minn qabel jekk ikun meħtieġ skont il-proċeduri legali applikabbli tagħhom, il-Kumitat Konġunt jista', b'deċiżjoni, jadotta:

(a) Protokolli ġodda ta' dan il-Ftehim dwar termini u kundizzjonijiet speċifiċi ta' parteċipazzjoni tal-Kanada fi programmi jew attivitajiet tal-Unjoni, jew partijiet minnhom;

(b) emendi għall-Protokolli eżistenti ta' dan il-Ftehim;

(c) emendi għall-paragrafu 4 tal-Artikolu 6 ta' dan il-Ftehim;

(d) emendi għall-Artikoli 9, 10 jew 11 ta' dan il-Ftehim sa fejn dawn ikunu meħtieġa biex jitqiesu l-bidliet li jsiru fl-atti ta' istituzzjoni tal-Unjoni waħda jew aktar; jew

(e) emendi għall-Anness I ta' dan il-Ftehim,

kif żviluppat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

4. Fi kwalunkwe deċiżjoni skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu,, ir-rappreżentanti tal-Kumitat Konġunt għandhom jispeċifikaw li, meta meħtieġ mis-sistema legali ta' Parti, Protokolli ġodda għal dan il-Ftehim jew emendi għall-Protokolli eżistenti jew għal partijiet minn dan il-Ftehim koperti mill-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ wara n-notifika bil-miktub tat-tlestija ta' kwalunkwe rekwiżit u proċedura legali pendenti tal-Partijiet, jew f'data aktar tard kif speċifikat fid-deċiżjoni.

ARTIKOLU 17

Liġi applikabbli

L-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim għandha ssir f'konformità mal-liġi applikabbli ta' kull Parti fit-territorji rispettivi tagħhom.

ARTIKOLU 18

Konsultazzjonijiet

1. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom, *bona fide*, biex isolvu kwalunkwe kwistjoni bejniethom li tirriżulta mill-interpretazzjoni jew mill-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim b'mod amikevoli, permezz ta' diskussjonijiet fil-Kumitat Konġunt.

2. Jekk kwistjoni li tirriżulta mill-interpretazzjoni jew mill-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim ma tkunx tista' tiġi solvuta permezz ta' diskussjonijiet fil-Kumitat Konġunt fi żmien xahrejn minn meta titressaq minn waħda mill-Partijiet, Parti tista' titlob konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra dwar il-kwistjoni. Il-Partijiet se jsolvu kwalunkwe differenza permezz tan-negozjar.

ARTIKOLU 19

Dispożizzjonijiet finali

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-aħħar notifika minn Parti lill-parti l-oħra dwar it-tlestija tal-proċeduri interni tagħha meħtieġa għal dak il-għan. Dan għandu japplika b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2024.

2. Il-Partijiet jistgħu japplikaw dan il-Ftehim b'mod provviżorju sakemm jidħol fis-seħħ f'konformità mal-proċeduri u l-liġi interni rispettivi tagħhom. L-applikazzjoni provviżorja għandha tibda fl-aktar data tard li fiha kull Parti nnotifikat lill-oħra bit-tlestija tal-proċeduri interni tagħha meħtieġa għal dak il-għan.

3. Jekk kwalunkwe Parti tinnotifika lill-Parti l-oħra li ma hijiex se tlesti l-proċeduri interni tagħha meħtieġa għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, dan il-Ftehim ma għandux jibqa' japplika b'mod provviżorju fid-data tal-wasla ta' din in-notifika mill-Parti l-oħra, li għandha tikkostitwixxi wkoll id-data ta' waqfien għall-finijiet ta' dan il-Ftehim. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt ma għandhomx jibqgħu japplikaw fl-istess data.

4. L-applikazzjoni ta' Protokoll rilevanti ta' dan il-Ftehim tista' tiġi sospiża mill-Unjoni f'każ ta' pagament parzjali jew ta' nuqqas ta' pagament tal-kontribuzzjoni finanzjarja dovuta mill-Kanada skont il-programm jew l-attività rilevanti tal-Unjoni.

5. Kif stabbilit fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, f'każ ta' nuqqas ta' pagament li jista' jipperikola b'mod sinifikanti l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-programm jew l-attività rilevanti tal-Unjoni, il-Kummissjoni Ewropea għandha tibgħat ittra formali ta' tfakkira. F'każ li ma jsir l-ebda pagament fi żmien 20 jum tax-xogħol wara l-ittra formali ta' tfakkira, għandha tiġi nnotifikata s-sospensjoni tal-applikazzjoni tal-Protokoll rilevanti ta' dan il-Ftehim mill-Kummissjoni Ewropea lill-Kanada permezz ta' ittra formali ta' notifika li għandha tidħol fis-seħħ 15-il jum wara l-wasla ta' din in-notifika mill-Kanada.

6. F'każ li l-applikazzjoni ta' Protokoll ta' dan il-Ftehim tiġi sospiża skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, l-entitajiet Kanadiżi ma għandhomx ikunu eliġibbli li jipparteċipaw fi proċeduri ta' għoti tal-Unjoni li jkunu għadhom ma tlestewx meta tidħol fis-seħħ is-sospensjoni. Proċedura ta' għoti tal-Unjoni għandha titqies bħala li tkun ġiet kompluta meta bħala riżultat ta' dik il-proċedura jkunu saru impenji legali.

7. Sospensjoni skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu ma taffettwax l-impenji legali li jsiru mal-entitajiet Kanadiżi skont il-programm jew l-attività rilevanti tal-Unjoni qabel ma tidħol fis-seħħ is-sospensjoni. Il-Protokoll rilevanti ta' dan il-Ftehim għandu jkompli japplika għal dawn l-impenji legali.

8. L-Unjoni għandha tinnotifika minnufih lill-Kanada ladarba l-ammont sħiħ tal-kontribuzzjoni finanzjarja dovuta jkun wasal għand l-Unjoni. Sospensjoni skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu ma għandhiex tibqa' fis-seħħ fid-data ta' din in-notifika.

9. L-entitajiet Kanadiżi għandhom ikunu eliġibbli fil-proċeduri ta' għoti tal-Unjoni skont il-programm jew l-attività rilevanti tal-Unjoni mnedija wara d-data li fiha s-sospensjoni skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu ma tibqax effettiva, u kwalunkwe proċedura oħra ta' għoti mnedija qabel din id-data, li għaliha ma għaddewx id-dati ta' skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet.

10. Kwalunkwe Parti tista' ttemm dan il-Ftehim fi kwalunkwe waqt b'notifika bil-miktub li tinforma lill-Parti l-oħra bl-intenzjoni tagħha li ttemmu. It-terminazzjoni għandha tidħol fis-seħħ 3 xhur kalendarji wara d-data li l-Parti l-oħra tirċievi din in-notifika. Id-data li fiha tidħol fis-seħħ it-terminazzjoni għandha tikkostitwixxi d-data tat-terminazzjoni għall-finijiet ta' dan il-Ftehim.

11. Meta dan il-Ftehim ma jibqax japplika b'mod provviżorju f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu jew jiġi tterminat f'konformità mal-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu, il-Partijiet jaqblu li:

(a) Proġetti, azzjonijiet, jew attivitajiet jew partijiet minnhom li fir-rigward tagħhom ikunu saru impenji legali matul l-applikazzjoni provviżorja, jew wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u qabel ma dan il-Ftehim ma jibqax japplika b'mod provviżorju jew jiġi tterminat, għandhom ikomplu sakemm dawn jiġu konklużi skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Ftehim u l-Protokolli għal dan il-Ftehim.

(b) Il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali għall-programm jew l-attività rilevanti tal-Unjoni tas-sena N li matulha dan il-Ftehim ma jibqax japplika b'mod provviżorju jew jiġi tterminat, għandha titħallas kompletament f'konformità mal-Artikolu 6 ta' dan il-Ftehim u ma' kwalunkwe regola rilevanti fil-Protokolli rilevanti ta' dan il-Ftehim. Fejn japplika l-mekkaniżmu ta' aġġustament, il-kontribuzzjoni operazzjonali għall-programm jew għall-attività rilevanti tal-Unjoni tas-sena N għandha tiġi aġġustata f'konformità mal-Artikolu 7 ta' dan il-Ftehim. Għal programmi jew l-attivitajiet tal-Unjoni, fejn japplikaw kemm il-mekkaniżmu ta' aġġustament kif ukoll il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika, il-kontribuzzjoni operazzjonali rilevanti tas-sena N għandha tiġi aġġustata f'konformità mal-Artikolu 7 ta' dan il-Ftehim u għandha tiġi kkoreġuta f'konformità mal-Artikolu 8 ta' dan il-Ftehim. Għal programmi jew attivitajiet, fejn japplika biss il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni, il-kontribuzzjoni operazzjonali rilevanti tas-sena N għandha tiġi kkoreġuta f'konformità mal-Artikolu 8 ta' dan il-Ftehim. It-tariffa tal-parteċipazzjoni mħallsa għas-sena N bħala parti mill-kontribuzzjoni finanzjarja għall-programm jew l-attività rilevanti tal-Unjoni ma għandhiex tiġi aġġustata jew ikkoreġuta.

(c) Meta japplika l-mekkaniżmu ta' aġġustament, wara s-sena li matulha dan il-Ftehim ma jibqax japplika b'mod provviżorju jew jiġi tterminat, il-kontribuzzjonijiet operazzjonali għall-programm jew għall-attività rilevanti tal-Unjoni mħallsa għas-snin li matulhom kien japplika dan il-Ftehim għandhom jiġu aġġustati f'konformità mal-Artikolu 7 ta' dan il-Ftehim. Fir-rigward ta' programmi jew ta' attivitajiet tal-Unjoni fejn japplikaw kemm il-mekkaniżmu ta' aġġustament kif ukoll il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika, dawk il-kontribuzzjonijiet operazzjonali għandhom jiġu aġġustati f'konformità mal-Artikolu 7 ta' dan il-Ftehim u għandhom jiġu kkoreġuti awtomatikament f'konformità mal-Artikolu 8 ta' dan il-Ftehim. Għal programmi jew attivitajiet tal-Unjoni fejn japplika biss il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika, il-kontribuzzjonijiet operazzjonali rilevanti għandhom jiġu kkoreġuti awtomatikament f'konformità mal-Artikolu 8 ta' dan il-Ftehim.

12. Il-Partijiet għandhom isolvu b'kunsens reċiproku kwalunkwe konsegwenza oħra tal-waqfien tal-applikazzjoni provviżorja jew tat-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim.

13. Ħlief kif previst mod ieħor fl-Artikolu 16, dan il-Ftehim jista' jiġi emendat biss bil-miktub b'kunsens reċiproku tal-Partijiet. Id-dħul fis-seħħ tal-emendi skont dan il-paragrafu se jsegwi l-istess proċedura bħal dik applikabbli għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim kif previst fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

14. Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-Partijiet, il-Protokolli u l-Annessi ta' dan il-Ftehim għandhom jikkostitwixxu parti integrali minnu.

15. Dan il-Ftehim għandu jitfassal b'mod duplikat bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Irlandiż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bin-Netherlandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż, bit-Taljan u bl-Ungeriż, u kull test ikun ugwalment awtentiku.

Съставено в Монреал на трети юли две хиляди двадесет и четвърта година.

Hecho en Montreal, el tres de julio de dos mil veinticuatro.

V Montrealu dne třetího července dva tisíce dvacet čtyři.

Udfærdiget i Montreal, den treogtyvende juli to tusind og firetyve.

Geschehen zu Montreal am dritten Juli zweitausendvierundzwanzig.

Sõlmitud kahe tuhande kahekümne neljanda aasta juulikuu kolmandal päeval Montréalis.

Μόντρεαλ, τρεις Ιουλίου του έτους δύο χιλιάδες είκοσι τέσσερα.

Done at Montréal, on the third day of July in the year two thousand and twenty four.

Fait à Montréal, le trois juillet deux mille vingt-quatre.

Arna dhéanamh i Montréal, an tríú lá d'Iúil sa bhliain dhá mhíle fiche a ceathair.

U Montrealu, dana trećeg srpnja godine dvije tisuće dvadeset i četvrte.

Fatto a Montreal, addì tre luglio duemilaventiquattro.

Monreālā, divi tūkstoši divdesmit ceturtā gada trešajā jūlijā.

Priimta Monrealyje du tūkstančiai dvidešimt ketvirtųjų metų liepos trečią dieną.

Kelt Montrealban, a kétezerhuszonnegyedik év július havának harmadik napján.

Magħmul f'Montreal, fit-tielet ġurnata ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin.

Gedaan te Montreal, de derde juli tweeduizend vierentwintig.

Sporządzono w Montrealu dnia trzeciego lipca dwa tysiące dwudziestego czwartego roku.

Feito em Montreal, aos três dias de julho de dois mil e vinte e quatro.

Întocmit la Montreal la trei iulie două mii douăzeci şi patru.

V Montreale tretieho júla dvetisícdvadsaťštyri.

V Montrealu, tretjega julija dva tisoč štiriindvajset.

Tehty Montrealissa kolmantena päivänä heinäkuuta vuonna kaksituhattakaksikymmentäneljä.

Utfärdat i Montreal den tredje juli år tjugohundratjugofyra.

За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαική Ενωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Thar ceann an Aontais Eorpaigh
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen



За Канада
Por Canadá
Za Kanadu
For Canada
Für Kanada
Kanada nimel
Για τον Καναδά
For Canada
Pour le Canada
Thar ceann Cheanada
Za Kanadu
Per il Canada
Kanādas vārdā –
Kanados vardu
Kanada részéről
Għall-Kanada
Voor Canada,
W imieniu Kanady
Pelo Canadá
Pentru Canada
Za Kanadu
Za Kanado
Kanadan puolesta
För Kanada



ANNESS I

REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-KUMITAT KONĠUNT

REGOLA 1

Kompiti

Il-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Artikolu 15 ta' dan il-Ftehim għandu jwettaq il-kompiti u d-dmirijiet stabbiliti fl-Artikoli 15 u 16 ta' dan il-Ftehim.

REGOLA 2

Kompożizzjoni u Presidenza

1. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Unjoni u tal-Kanada.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun kkopresedut minn uffiċjali anzjani jew mill-persuni magħżula tagħhom li jaġixxu bħala rappreżentanti tal-Unjoni u tal-Kanada, rispettivament.

2. L-Unjoni u l-Kanada għandhom jinnotifikaw lil xulxin bl-isem, bil-pożizzjoni u bid-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjali li huma l-kopresidenti tal-Kumitat Konġunt għall-Unjoni u għall-Kanada, rispettivament. Dawk l-uffiċjali għandhom jitqiesu li jkompli jaġixxi bħala l-kopresident għall-Unjoni jew għall-Kanada, rispettivament, sad-data li fiha jew l-Unjoni jew il-Kanada jkunu nnotifikaw lill-Parti l-oħra b'kopresident ġdid.

4. Il-kopresident għandu jitqies li jkollu l-awtorizzazzjoni li jirrappreżenta, rispettivament, lill-Unjoni jew il-Kanada sad-data li fiha kopresident ġdid ikun innotifika lill-Parti l-oħra.

REGOLA 3

Segretarjat

1. Is-Segretarjat tal-Kumitat Konġunt (minn hawn'il quddiem imsejjaħ is-"Segretarjat") għandu jkun magħmul minn uffiċjal tal-Unjoni u uffiċjal tal-Kanada. Is-Segretarjat għandu jwettaq il-kompiti li jingħatawlu permezz ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura.

2. L-Unjoni u l-Kanada għandhom jinnotifikaw lil xulxin l-isem, il-pożizzjoni u d-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjali li huma l-membri tas-Segretarjat għall-Unjoni u għall-Kanada, rispettivament. Dawk luffiċjali għandhom jitqiesu li jkompli jaġixxi bħala membru tas-Segretarjat għall-Unjoni jew għall-Kanada, rispettivament, sad-data li fiha jew l-Unjoni jew il-Kanada jkunu nnotifikaw uffiċjal ġdid lill-Parti l-oħra.

REGOLA 4

Laqgħat

1. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa', fil-prinċipju, b'mod alternat fi Brussell u fil-Kanada sakemm il-kopresidenti ma jiddeċidux mod ieħor. Il-laqgħat jistgħu jsiru wkoll permezz ta' vidjokonferenza jew telekonferenza, jekk il-kopresidenti jiddeċiedu hekk.

2. Bejn il-laqgħat tiegħu, il-Kumitat Konġunt għandu jwettaq il-ħidma tiegħu u jiskambja informazzjoni rilevanti għal dan il-Ftehim u l-Protokolli ta' dan il-Ftiehim fuq bażi kontinwa bi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni disponibbli, b'mod partikolari permezz tal-iskambju ta' posta elettronika.

REGOLA 5

Parteċipazzjoni fil-laqgħat

1. Fi żmien raġonevoli qabel kull laqgħa, l-Unjoni u l-Kanada għandhom jinformaw lil xulxin permezz tas-Segretarjat dwar il-kompożizzjoni maħsuba tad-delegazzjonijiet rispettivi tagħhom u għandhom jispeċifikaw l-isem u l-funzjoni ta' kull membru tad-delegazzjoni li jservi bħala rappreżentant ta' kull Parti.

2. Skont kif ikun xieraq u b'deċiżjoni reċiproka, il-kopresidenti jistgħu jistiednu esperti bħal uffiċjali mhux governattivi biex jattendu l-laqgħat tal-Kumitat Konġunt sabiex jipprovdu informazzjoni dwar suġġett speċifiku u għall-partijiet tal-laqgħa li fihom jiġu diskussi dawn is-suġġetti speċifiċi.

3. Ir-rappreżentant tal-Parti li torganizza u tospita l-laqgħa, wara li tkun kisbet l-approvazzjoni tal-Parti l-oħra, tiffissa d-data u l-post tal-laqgħa.

REGOLA 6

Dokumenti

Id-dokumenti bil-miktub li fuqhom huma bbażati d-deliberazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom jiġu nnumerati u ċċirkolati mis-Segretarjat lill-Unjoni u lill-Kanada.

REGOLA 7

Korrispondenza

1. L-Unjoni u l-Kanada għandhom jibagħtu l-korrispondenza tagħhom indirizzata lill-Kumitat Konġunt permezz tas-Segretarjat. Din il-korrispondenza tista' tintbagħat bi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni bil-miktub disponibbli, inkluż permezz tal-posta elettronika.

2. Is-Segretarjat għandu jiżgura li l-korrispondenza indirizzata lill-Kumitat Konġunt titwassal lill-kopresidenti u tiġi ċċirkolata, meta xieraq, f'konformità mar-Regola 6.

3. Il-korrispondenza kollha mill-kopresidenti jew indirizzata direttament lilhom għandha tintbagħat lis-Segretarjat u għandha tiġi ċċirkolata, meta xieraq, f'konformità mar-Regola 6.

REGOLA 8

Aġenda

1. Għal kull laqgħa, għandu jitfassal abbozz tal-aġenda provviżorja mis-Segretarjat. Għal dak l-għan, mill-anqas 4 ġimgħat qabel id-data tal-laqgħa, l-uffiċjal li jaġixxi bħala l-membru tas-Segretarjat tal-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa għandu jħejji l-ewwel abbozz ta' aġenda provviżorja flimkien mad-dokumenti relatati ma' kull punt li jidher fuqha u jibgħathom għall-kummenti lill-membru tas-Segretarjat tal-Parti l-oħra. Ladarba jitħejja mis-Segretarjat, l-abbozz tal-aġenda provviżorja, flimkien ma' kwalunkwe dokument rilevanti, għandu jintbagħat lill-kopresidenti għall-approvazzjoni sa mhux aktar tard minn 10 ijiem qabel id-data tal-laqgħa.

2. L-aġenda provviżorja għandha tinkludi punti li jkunu ntalbu mill-Partijiet, inkluża kwalunkwe kwistjoni li għandha titqajjem skont l-Artikolu 18 ta' dan il-Ftehim. Kwalunkwe talba biex jiżdied punt mal-aġenda provviżorja, flimkien ma' kwalunkwe dokument rilevanti, għandha tiġi ppreżentata lis-Segretarjat mhux aktar tard minn 15-il jum qabel il-bidu tal-laqgħa.

3. F'każijiet eċċezzjonali, il-kopresidenti jistgħu jiddeċiedu b'mod konġunt li jnaqqsu l-perjodi previsti fil-paragrafi 1 u 2 ta' din ir-Regola.

4. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta l-aġenda tiegħu fil-bidu ta' kull laqgħa.

5. Punti li ma jkunux jidhru fl-abbozz tal-aġenda jistgħu jiżdiedu, u punti oħrajn tal-abbozz tal-aġenda jistgħu jitħassru, jiġu ddifferiti jew emendati fil-laqgħa, sakemm iż-żewġ kopresidenti jiddeċiedu hekk b'mod konġunt.

REGOLA 9

Trasparenza u aċċess għal dokumenti

1. Il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt ma għandhomx ikunu pubbliċi, sakemm ma jiġix deċiż b'mod konġunt mod ieħor mill-kopresidenti.

2. Kull Parti tista' tiddeċiedi dwar il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt fil-ġurnal uffiċjali rispettiv tagħha jew online, wara konsultazzjoni minn qabel mal-Parti l-oħra. Id-deċiżjonijiet li jadottaw Protokolli jew emendi ġodda għall-Protokolli eżistenti, għall-paragrafu 4 tal-Artikolu 6, għall-Artikoli 9, 10 jew 11 ta' dan il-Ftehim jew għal dan l-Anness għandhom jiġu ppubblikati biss meta jidħlu fis-seħħ f'konformità mal-paragrafu 4 tal-Artikolu 16 ta' dan il-Ftehim.

3. Jekk l-Unjoni jew il-Kanada jippreżentaw lill-Kumitat Konġunt informazzjoni li hija kunfidenzjali jew protetta mid-divulgazzjoni skont il-liġi applikabbli tagħha, il-Parti l-oħra għandha tittratta dik l-informazzjoni li tasal bħala kunfidenzjali.

4. Kull Parti għandha tittratta t-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti tal-Kumitat Konġunt f'konformità mal-liġi applikabbli tagħha.

5. Jekk il-Kummissjoni Ewropea tippreżenta lill-Kumitat Konġunt informazzjoni li hija kunfidenzjali jew protetta mid-divulgazzjoni skont ir-regoli rilevanti tagħha dwar is-sigurtà tal-informazzjoni, il-Kanada għandha tiżgura livell komparabbli ta' kunfidenzjalità u protezzjoni għall-informazzjoni li tirċievi. Jekk il-Kanada tippreżenta lill-Kumitat Konġunt informazzjoni li hija kunfidenzjali jew protetta mid-divulgazzjoni skont il-liġi applikabbli tagħha, il-Kummissjoni Ewropea għandha tittratta l-informazzjoni li tirċievi bħala kunfidenzjali.

REGOLA 10

Minuti

1. Għandhom jittieħdu l-minuti tal-laqgħat kollha tal-Kumitat Konġunt.

2. L-abbozz tal-minuti ta' kull laqgħa għandu jitħejja mill-uffiċjal li jaġixxi bħala l-membru tas-Segretarjat tal-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa, fi żmien 15-il jum wara li tintemm il-laqgħa, sakemm ma jkunx deċiż b'mod konġunt mod ieħor mill-kopresidenti. L-abbozz tal-minuti għandu jintbagħat għall-kummenti lill-membru tas-Segretarjat tal-Parti l-oħra. Dan tal-aħħar jista' jippreżenta kummenti fi żmien 30 jum mid-data li fiha jirċievi l-abbozz tal-minuti.

3. Il-minuti għandhom jagħmlu sinteżi ta' kull punt fl-aġenda, li jispeċifikaw meta applikabbli:

(a) id-dokumenti ppreżentati lill-Kumitat Konġunt;

(b) kwalunkwe dikjarazzjoni li Parti tkun talbet li tiddaħħal fil-minuti; u

(c) d-deċiżjonijiet adottati, id-dikjarazzjonijiet deċiżi u l-konklużjonijiet operazzjonali adottati dwar punti speċifiċi.

Il-minuti għandhom jinkludu lista ta' attendenza bl-ismijiet, bit-titoli u bil-kapaċità tal-parteċipanti kollha tal-laqgħa.

4. Il-minuti għandhom jiġu approvati u ffirmati mill-kopresidenti fi żmien xahrejn wara l-laqgħa jew sa kwalunkwe data oħra deċiża mill-kopresidenti. Il-kopresidenti jistgħu jiddeċiedu b'mod konġunt li l-iffirmar u l-iskambju ta' kopji elettroniċi jissodisfaw dan l-aħħar rekwiżit. Il-verżjoni awtentika tal-minuti għandha tinżamm fil-fajls ta' kull Parti.

5. Fi żmien jumejn ta' xogħol wara l-laqgħa tal-Kumitat Konġunt, is-Segretarjat tal-Kumitat Konġunt għandu jħejji wkoll sinteżi tal-minuti għall-approvazzjoni mill-kopresidenti malajr kemm jista' jkun. Ladarba l-kopresidenti tal-Kumitat Konġunt ikunu approvaw it-test tas-sinteżi, il-Partijiet jistgħu jippubblikaw is-sinteżi tal-minuti.

REGOLA 11

Deċiżjonijiet

1. Skont kif previst mill-Artikolu 16 ta' dan il-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jieħu deċiżjonijiet b'kunsens. Is-Segretarjat għandu jirreġistra kwalunkwe deċiżjoni b'numru tas-serje u b'referenza għad-data tal-adozzjoni tagħha.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jieħu deċiżjonijiet bil-miktub u permezz ta' skambju ta' noti bejn il-kopresidenti, sakemm il-Partijiet ma jiddeċidux b'mod konġunt mod ieħor fir-rigward ta' deċiżjoni partikolari.

3. It-test ta' abbozz ta' deċiżjoni għandu jiġi ppreżentat bil-miktub minn kopresident wieħed lill-kopresident l-ieħor, debitament awtorizzat biex jagħmel dan minn qabel f'konformità ma' kwalunkwe proċedura legali domestika applikabbli, jekk ikun meħtieġ.

4. Jekk il-Parti l-oħra ma tesprimix il-qbil tagħha, id-deċiżjoni proposta għandha tiġi diskussa u tista' tiġi adottata f'laqgħa futura tal-Kumitat Konġunt.

5. L-abbozz tad-deċiżjoni għandu jitqies li ġie adottat ladarba l-Parti l-oħra tesprimi l-qbil tagħha bil-miktub, sakemm l-abbozz tad-deċiżjoni ma jkunx fir-rigward ta' deċiżjoni żviluppata jew meqjusa skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 16, f'liema każ għandu jiġi adottat skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 16.

6. Id-deċiżjonijiet meħuda bejn il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt għandhom jiġu rreġistrati fil-minuti tal-laqgħa li jmiss tal-Kumitat Konġunt.

7. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4 tal-Artikolu 16 ta' dan il-Ftehim, kull deċiżjoni għandha tiġi ffirmata mill-kopresidenti tal-Kumitat Konġunt, inkluż fejn debitament awtorizzat minn qabel f'konformità ma' kwalunkwe proċedura legali applikabbli, jekk ikun meħtieġ.

8. Soġġett għall-paragrafu 4 tal-Artikolu 16 ta' dan il-Ftehim, id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt għandhom jispeċifikaw id-data li fiha jidħlu fis-seħħ.

REGOLA 12

Protezzjoni ta' data personali

Il-pubblikazzjoni tad-dokumenti msemmija fir-Regoli 9, 10 u 11 għandha ssir f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data* taż-żewġ Partijiet, inkluża l-protezzjoni tad-*data* personali.

REGOLA 13

Gruppi ta' ħidma u korpi konsultattivi

1. F'konformità mal-paragrafu 4 tal-Artikolu 15 ta' dan il-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi jew ixolji grupp ta' ħidma u korp konsultattiv fil-livell tal-esperti. Il-Kumitat Konġunt għandu jiddetermina l-kompożizzjoni u d-dmirijiet ta' kull grupp ta' ħidma jew korp konsultattiv u jista' jemendahom kif meħtieġ.

2. Grupp ta' ħidma u korp konsultattiv għandhom jikkontribwixxu għall-ħidma tal-Kumitat Konġunt u jassistuh fit-twettiq tal-kompiti tiegħu, inkluż – jekk ikun inkarigat hekk mill-Kumitat Konġunt – billi jħejju rapporti jew abbozzi ta' deċiżjonijiet għall-approvazzjoni tal-Kumitat Konġunt. Abbozzi ta' deċiżjonijiet skont dan il-paragrafu għandhom jitqiesu u jiġu żviluppati f'konformità mal-paragrafu 2 tal-Artikolu 16 ta' dan il-Ftehim.

3. Grupp ta' ħidma u korp konsultattiv għandhom jiltaqgħu kif meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tagħhom u għandhom jirrapportaw lill-Kumitat Konġunt.

4. L-istabbiliment u l-funzjonament ta' grupp ta' ħidma u korp konsultattiv ma għandhomx jipprevjenu lill-Partijiet milli jressqu kwalunkwe kwistjoni direttament quddiem il-Kumitat Konġunt.

5. Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal grupp ta' ħidma u korpi konsultattiv stabbiliti mill-Kumitat Konġunt.

REGOLA 14

Lingwi

Il-lingwa ta' ħidma tal-Kumitat Konġunt għandha tkun l-Ingliż.

REGOLA 15

Spejjeż

1. Kull Parti għandha tkopri l-ispejjeż li ġġarrab għall-parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt u tal-gruppi ta' ħidma u korpi konsultattivi stabbiliti.

2. L-ispejjeż fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-laqgħat għandhom jiġġarrbu mill-Parti li tospita l-laqgħa.

IL-PROTOKOLL DWAR L-ASSOĊJAZZJONI TAL-KANADA MA' ORIZZONT EWROPA – IL-PROGRAMM QAFAS GĦAR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI (2021–2027)

ARTIKOLU 1

L-ambitu tal-assoċjazzjoni

Il-Kanada għandha tipparteċipa u tikkontribwixxi bħala pajjiż assoċjat fil-Pilastru II "Sfidi Globali u l-Kompetittività Industrijali Ewropea" tal-Programm Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Programm Orizzont Ewropa") imsemmi fil-paragrafu 1(b), tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], u implimentat permezz tal-programm speċifiku stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/764 [2], fl-aktar verżjonijiet aġġornati tagħhom.

ARTIKOLU 2

Kundizzjonijiet addizzjonali tal-parteċipazzjoni fil-Programm Orizzont Ewropa

1. Qabel ma jiġi deċiż dwar jekk l-entitajiet Kanadiżi humiex eliġibbli sabiex jipparteċipaw f'azzjoni relatata mal-assi strateġiċi, mal-interessi, mal-awtonomija jew mas-sigurtà tal-Unjoni skont il-paragrafu 5 tal-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2021/695, il-Kummissjoni Ewropea tista' titlob informazzjoni jew assigurazzjonijiet speċifiċi, bħal:

(a) informazzjoni dwar jekk ingħatax jew jekk huwiex se jingħata aċċess reċiproku lill-entitajiet tal-Unjoni għal programmi, proġetti jew attivitajiet eżistenti u ppjanati jew partijiet minnhom tal-Kanada li huma ekwivalenti għall-azzjoni tal-Programm Orizzont Ewropa kkonċernata;

(b) informazzjoni dwar jekk il-Kanada għandhiex stabbilit mekkaniżmu nazzjonali ta' skrinjar tal-investiment u assigurazzjonijiet li l-awtoritajiet Kanadiżi jirrapportaw dwarhom u jikkonsultaw lill-Kummissjoni Ewropea dwar kwalunkwe każ possibbli fejn bl-applikazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu jkunu saru konxji ta' investiment jew akkwiżizzjoni barranija ppjanata minn entità stabbilita jew ikkontrollata minn barra l-Kanada ta' entità Kanadiża li tkun irċeviet finanzjament mill-Programm Orizzont Ewropa f'azzjonijiet relatati mal-assi strateġiċi, mal-interessi, mal-awtonomija jew mas-sigurtà tal-Unjoni, dment li l-Kummissjoni Ewropea tipprovdi lill-Kanada bil-lista tal-entitajiet rilevanti Kanadiżi wara l-iffirmar ta' ftehimiet ta' għotja ma' dawn l-entitajiet; u

(c) assigurazzjonijiet li l-ebda wieħed mir-riżultati, mit-teknoloġiji, mis-servizzi u mill-prodotti żviluppati skont l-azzjonijiet ikkonċernati mill-entitajiet Kanadiżi ma għandu jkun soġġett għal restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni tiegħu lejn l-Istati Membri tal-Unjoni matul l-azzjoni u għal 4 snin wara tmiem l-azzjoni. Il-Kanada se taqsam lista aġġornata ta' suġġetti ta' restrizzjonijiet nazzjonali fuq l-esportazzjoni fuq bażi annwali, matul l-azzjoni u għal 4 snin wara tmiem l-azzjoni.

2. L-entitajiet Kanadiżi jistgħu jipparteċipaw fl-attivitajiet taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) skont termini u kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk applikabbli għall-entitajiet tal-Unjoni, sakemm ma jkunux meħtieġa limitazzjonijiet sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-ambitu tal-parteċipazzjoni li jirriżulta mill-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. Jekk l-Unjoni timplimenta l-Programm Orizzont Ewropa permezz tal-applikazzjoni tal-Artikoli 185 u 187 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kanada u l-entitajiet Kanadiżi jistgħu jipparteċipaw fl-istrutturi legali maħluqa skont dawk id-dispożizzjonijiet, f'konformità mal-atti legali tal-Unjoni li jkunu ġew adottati jew li jkunu se jiġu adottati għall-istabbiliment ta' dawk l-istrutturi legali.

4. Il-Kanada għandha tinżamm informata regolarment dwar l-attivitajiet tal-JRC relatati mal-parteċipazzjoni tal-Kanada fil-Programm Orizzont Ewropa, b'mod partikolari tal-programmi ta' ħidma pluriennali tal-JRC. Rappreżentant mill-Kanada jista' jiġi mistieden bħala osservatur għal-laqgħat tal-Bord tal-Gvernaturi tal-JRC fir-rigward ta' punt li jikkonċerna l-parteċipazzjoni tal-Kanada fil-Programm Orizzont Ewropa.

[1] Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/764 tal-10 ta' Mejju 2021 li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li jimplimenta l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/743/UE (ĠU L 167 I, 12.5.2021, p. 1).

5. Fid-dawl tal-parteċipazzjoni tal-Kanada fil-Pilastru II tal-Programm Orizzont Ewropa r-rappreżentanti tal-Kanada għandu jkollhom id-dritt li jipparteċipaw bħala osservaturi fil-kumitat imsemmi fl-Artikolu 14 tad-Deċiżjoni (UE) 2021/764, mingħajr drittijiet tal-vot u għal punti li jikkonċernaw lill-Kanada meta l-kumitat jiddiskuti kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Pilastru II tal-Programm Orizzont Ewropa. Din il-parteċipazzjoni għandha tkun f'konformità mal-Artikolu 5 ta' dan il-Ftehim. Il-kost tal-ivvjaġġar tar-rappreżentanti tal-Kanada għal-laqgħat tal-kumitat għandu jiġi rrimborżat fil-klassi ekonomika. Għall-kwistjonijiet l-oħrajn kollha, ir-rimborż tal-kostijiet tal-ivvjaġġar u tal-ispejjeż tas-sussistenza għandu jkun irregolat mill-istess regoli applikabbli għar-rappreżentanti mill-Istati Membri tal-Unjoni.

6. Kull Parti għandha, f'konformità mal-leġiżlazzjoni u r-regolamenti tagħha, tfittex li tiffaċilita d-dħul u s-soġġorn temporanju ta' persuni li jipparteċipaw fl-attivitajiet koperti minn dan il-Protokoll, inkluż għal żjarat u t-twettiq ta' riċerka, kif ukoll il-moviment transfruntier ta' oġġetti u servizzi maħsuba għall-użu f'dawn l-attivitajiet.

7. It-tagħmir ipprovdut mill-Parti mittenti għat-twettiq ta' attivitajiet konġunti koperti minn dan il-Protokoll għandu jitqies bħala xjentifiku u li ma għandux karattru kummerċjali, u l-Parti riċeventi għandha taħdem biex tikseb dħul mingħajr dazju għal dan it-tagħmir f'konformità mal-obbligi internazzjonali u l-liġi domestika tagħha.

ARTIKOLU 3

Reċiproċità

1. L-entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni jistgħu jipparteċipaw fi programmi, fi proġetti u f'attivitajiet tal-Kanada ekwivalenti għal dawk skont il-Pilastru II tal-Programm Orizzont Ewropa, f'konformità mal-liġi u l-miżuri Kanadiżi.

2. Il-lista mhux eżawrjenti tal-programmi, tal-proġetti u tal-attivitajiet ekwivalenti tal-Kanada li huma reċiprokament miftuħa għall-entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni hija stabbilita fl-Anness II ta' dan il-Protokoll.

3. Il-finanzjament mill-Kanada ta' entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni għandu jkun soġġett għal-liġi u l-miżuri Kanadiżi li jirregolaw l-operazzjoni ta' programmi, proġetti u attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni. Meta ma jkunx hemm finanzjament ipprovdut, l-entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni jistgħu jipparteċipaw bil-mezzi tagħhom stess.

ARTIKOLU 4

Xjenza Miftuħa

Il-Partijiet għandhom jippromwovu u jinkoraġġixxu b'mod reċiproku prattiki tax-Xjenza Miftuħa fil-programmi, fil-proġetti u fl-attivitajiet tagħhom f'konformità mar-regoli tal-Programm Orizzont Ewropa u l-miżuri Kanadiżi rilevanti.

ARTIKOLU 5

Regoli dettaljati dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja, il-mekkaniżmu ta' aġġustament u l-mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika

1. Ir-regoli li jirregolaw il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Kanada għall-Pilastru II tal-Programm Orizzont Ewropa huma stabbiliti fl-Anness I ta' dan il-Protokoll.

2. Għandu japplika mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika fir-rigward tal-kontribuzzjoni operazzjonali tal-Kanada għall-Programm Orizzont Ewropa. Il-mekkaniżmu ta' aġġustament previst fl-Artikolu 7 ta' dan il-Ftehim ma għandux japplika fir-rigward tal-kontribuzzjoni operazzjonali tal-Kanada għall-Programm Orizzont Ewropa.

3. Il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika għandu jkun ibbażat fuq il-prestazzjoni tal-Kanada u tal-entitajiet Kanadiżi fil-partijiet tal-Pilastru II tal-Programm Orizzont Ewropa li huma implimentati permezz ta' għotjiet kompetittivi.

4. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika huma stabbiliti fl-Anness I ta' dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 6

Sospensjoni b'kunsens reċiproku

1. Jekk l-ammont ikkalkolat mill-Kummissjoni Ewropea fuq talba mill-Kanada fis-sena N+2, f'konformità mal-metodu stabbilit fl-Artikolu 8 ta' dan il-Ftehim, ikun ogħla minn 20 % tal-kontribuzzjoni operazzjonali korrispondenti fis-sena N, il-Kanada tista' titlob li l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll ta' dan il-Ftehim tiġi sospiża għas-sena finanzjarja ta' wara s-sena li fiha ssir it-talba.

2. Jekk issir talba għal sospensjoni mill-Kanada skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Unjoni għandha tibgħat tweġiba bil-miktub fi żmien 30 jum wara li tirċievi t-talba. Jekk l-Unjoni tikkonferma l-aċċettazzjoni tagħha tat-talba tal-Kanada, is-sospensjoni ta' dan il-Protokoll għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum ta' Jannar tas-sena ta' wara li tasal it-talba għal sospensjoni.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2021/695 u l-eċċezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 23 ta' dak ir-Regolament, f'każ li dan il-Protokoll jiġi sospiż skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-entitajiet Kanadiżi ma għandhomx ikunu eliġibbli li jipparteċipaw fi proċeduri ta' għoti ffinanzjati minn approprjazzjonijiet ta' impenn tas-sena finanzjarja li għaliha jiġi sospiż dan il-Protokoll.

4. Għas-sena li matulha dan il-Protokoll jiġi sospiż skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u li għaliha l-Kanada kienet tħallas tariffa ta' parteċipazzjoni kieku ma ġiex sospiż, il-Kanada ma għandhiex tħallas il-kontribuzzjoni operazzjonali. Madankollu, il-Kanada għandha tħallas tariffa annwali ta' parteċipazzjoni għas-sena sospiża li tikkorrispondi għat-tariffa ta' parteċipazzjoni tas-sena qabel ma s-sospensjoni tkun daħlet fis-seħħ miżjuda b'punt perċentwali ta' 1,0.

5. Il-Kanada tista' titlob fi kwalunkwe ħin li s-sospensjoni skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu tieqaf. L-Unjoni għandha tibgħat tweġiba bil-miktub fi żmien 30 jum wara li tirċievi din it-talba. Malli l-Unjoni taċċetta t-talba tal-Kanada, is-sospensjoni ma għandhiex tibqa' fis-seħħ fl-ewwel jum tas-sena ta' wara jew, b'mod retroattiv, mill-ewwel jum tas-sena li tkun għaddejja jekk il-Partijiet jiddeċiedu dan b'mod konġunt. Jekk is-sospensjoni tieqaf b'mod retroattiv, il-Kanada għandha tħallas il-kontribuzzjoni finanzjarja sħiħa għas-sena korrispondenti. Kwalunkwe tariffa annwali ta' parteċipazzjoni li tkun diġà tħallset mill-Kanada għas-sena rispettiva għandha tiġi paċuta mat-tariffa ta' parteċipazzjoni kkalkolata f'konformità mal-metodu stabbilit fl-Artikolu 6 ta' dan il-Ftehim.

6. L-entitajiet Kanadiżi għandhom ikunu eliġibbli fi proċeduri ta' għoti ffinanzjati minn approprjazzjonijiet ta' impenn tas-sena finanzjarja rilevanti mid-data li fiha s-sospensjoni ma tibqax effettiva skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu dment li l-iskadenzi għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet ma jkunux skadew.

7. Is-sospensjoni fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ma taffettwax l-impenji legali li jkunu saru mal-entitajiet Kanadiżi skont dan il-Protokoll qabel ma tkun daħlet fis-seħħ is-sospensjoni. It-termini ta' dan il-Protokoll għandhom ikomplu japplikaw għal dawn l-impenji legali.

ARTIKOLU 7

Dispożizzjonijiet finali

1. Dan il-Protokoll għandu jibqa' fis-seħħ sakemm ikun meħtieġ sabiex il-proġetti, l-azzjonijiet jew l-attivitajiet kollha tal-Unjoni, jew partijiet minnhom, iffinanzjati mill-Pilastru II tal-Programm Orizzont Ewropa, l-azzjonijiet kollha meħtieġa sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u l-obbligi finanzjarji kollha li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll bejn il-Partijiet jitlestew.

2. L-Annessi ta' dan il-Protokoll għandhom jifformaw parti integrali minnu.

Anness I: Ir-regoli li jirregolaw il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Kanada għall-Programm Orizzont Ewropa (2021-2027)

Anness II: Lista tal-programmi, tal-proġetti u tal-attivitajiet ekwivalenti tal-Kanada miftuħa reċiprokament għall-entitajiet tal-Unjoni

ANNESS I

Ir-regoli li jirregolaw il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Kanada għall-Programm Orizzont Ewropa (2021–2027)

I. Kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Kanada

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Kanada għall-Pilastru II tal-Programm Orizzont Ewropa għandha tiġi stabbilita fuq bażi annwali f'konformità mal-Artikolu 6 ta' dan il-Ftehim.

2. It-tariffa tal-parteċipazzjoni tal-Kanada għandha tiġi stabbilita u għandha tiddaħħal gradwalment skont l-Artikolu 6 ta' dan il-Ftehim.

3. Il-kontribuzzjoni operazzjonali tal-Kanada għall-Pilastru II tal-Programm Orizzont Ewropa għas-snin 2024 sal-2027 għandha tkun kif ġej:

— 2024 – EUR 16,1-il miljun;

— 2025 – EUR 21,4 miljun;

— 2026 – EUR 26,8 miljun;

— 2027 – EUR 32,1 miljun.

II. Korrezzjoni awtomatika tal-kontribuzzjoni operazzjonali tal-Kanada

1. Għall-kalkolu tal-korrezzjoni awtomatika kif imsemmi fl-Artikolu 8 ta' dan il-Ftehim u l-Artikolu 5 ta' dan il-Protokoll, għandhom japplikaw il-modalitajiet li ġejjin:

(a) "Għotjiet kompetittivi" tfisser għotjiet mogħtija permezz ta' sejħiet għal proposti mnedija skont il-Pilastru II tal-Programm Orizzont Ewropa fejn il-benefiċjarji finali jistgħu jiġu identifikati fil-ħin tal-kalkolu tal-korrezzjoni awtomatika. L-appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi kif iddefinit fl-Artikolu 204 tar-Regolament Finanzjarju huwa esklużż.

(b) Meta impenn legali jiġi ffirmat ma' konsorzju, l-ammonti użati sabiex jiġu stabbiliti l-ammonti inizjali tal-impenn legali għandhom ikunu l-ammonti kumulattivi allokati lill-benefiċjarji li huma entitajiet Kanadiżi f'konformità mad-diżaggregazzjoni tal-baġit indikattiv tal-ftehim ta' għotja.

(c) L-ammonti kollha ta' impenji legali li jikkorrispondu għal għotjiet kompetittivi għandhom jiġu stabbiliti bl-użu tas-sistema elettronika tal-Kummissjoni Ewropea eCorda u jiġu estratti fit-tieni jum tal-Erbgħa ta' Frar tas-sena N+3.

(d) "Kostijiet mhux ta' intervent" tfisser kostijiet tal-Programm għajr għotjiet kompetittivi, inklużi nefqa ta' appoġġ, amministrazzjoni speċifika għall-programm, azzjonijiet oħrajn ([1]).

(e) L-ammonti allokati lill-organizzazzjonijiet internazzjonali bħala entitajiet legali li huma l-benefiċjarju finali ([2]) għandhom jitqiesu bħala kostijiet mhux ta' intervent.

2. Il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika għandu jiġi applikat kif ġej:

(a) Il-korrezzjonijiet awtomatiċi għas-sena N fir-rigward tal-eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' impenn għas-sena N, miżjuda f'konformità mal-paragrafu 5 tal-Artikolu 6 ta' dan il-Ftehim, għandhom jiġu applikati abbażi ta' data dwar is-sena N, is-sena N+1 u s-sena N+2 minn e-Corda msemmija fil-paragrafu 1(c) tat-taqsima II ta' dan l-Anness fis-sena N+3. L-ammont meqjus se jkun l-ammont ta' għotjiet kompetittivi skont il-Pilastru II tal-Programm Orizzont Ewropa li għalih ikun hemm data disponibbli ,fil-ħin tal-kalkolu tal-korrezzjoni.

(b) Mis-sena N+3 u sal-2030, l-ammont tal-korrezzjoni awtomatika għandu jiġi kkalkolat għas-sena N billi tittieħed id-differenza bejn:

([1]) Azzjonijiet oħrajn jinkludu b'mod partikolari l-akkwist, il-premji, l-istrumenti finanzjarji, l-azzjonijiet diretti tal-JRC, l-abbonamenti (l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), l-Aġenzija Ewropea għall-Koordinazzjoni tar-Riċerka (Eureka), is-Sħubija Internazzjonali għall-Kooperazzjoni fl-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija (IPEEC),u l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (IEA), eċċ.), u l-esperti (l-evalwaturi, il-monitoraġġ tal-proġetti)

([2]) L-organizzazzjonijiet internazzjonali jitqiesu bħala kostijiet mingħajr intervent biss jekk ikunu benefiċjarji finali. Dan ma huwiex se japplika meta organizzazzjoni internazzjonali tkun koordinatur ta' proġett (tqassam fondi lil koordinaturi oħrajn).

(i) l-ammont totali tal-għotjiet kompetittivi assenjati lill-Kanada jew lil entitajiet legali Kanadiżi skont il-Pilastru II tal-Programm Orizzont Ewropa bħala impenji magħmula fuq approprjazzjonijiet baġitarji tas-sena N; u

(ii) l-ammont tal-kontribuzzjoni operazzjonali tal-Kanada għas-sena N immultiplikat bil-proporzjon bejn:

A. l-ammont ta' għotjiet kompetittivi magħmula fuq approprjazzjonijiet ta' impenn tas-sena N skont il-Pilastru II tal-Programm Orizzont Ewropa, miżjud f'konformità mal- paragrafu 5 tal-Artikolu 6 ta' dan il-Ftehim; u

B. it-total tal-approprjazzjonijiet ta' impenn baġitarju awtorizzati kollha tas-sena N skont il-Pilastru II tal-Programm Orizzont Ewropa, inklużi l-kostijiet mhux ta' intervent.

III. Il-pagament tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Kanada u l-pagament tal-korrezzjoni awtomatika applikabbli għall-kontribuzzjoni operazzjonali tal-Kanada

1. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tikkomunika lill-Kanada, kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard mill-ħruġ tal-ewwel sejħa għall-fondi tas-sena finanzjarja, l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-ammont tal-kontribuzzjoni operazzjonali msemmija fil-paragrafu 3 tat-taqsima I ta' dan l-Anness;

(b) l-ammont tat-tariffa tal-parteċipazzjoni msemmija fil-paragrafu 9 tal-Artikolu 6 ta' dan il-Ftehim;

(c) mis-sena N+3 għall-parti tal-Programm Orizzont Ewropa meta din l-informazzjoni hija meħtieġa sabiex jiġu kkalkolati l-korrezzjoni awtomatika, il-livell ta' impenji li jkunu saru favur l-entitajiet legali Kanadiżi skont il-Pilastru II tal-Programm Orizzont Ewropa ddiżaggregati skont is-sena korrispondenti tal-approprjazzjonijiet baġitarji u l-livell totali relatat tal-impenji.

2. Il-Kummissjoni Ewropea għandha toħroġ, sa mhux aktar tard minn Ġunju ta' kull sena finanzjarja, sejħa għall-fondi lill-Kanada li tikkorrispondi għall-kontribuzzjoni tagħha skont dan il-Protokoll. Is-sejħiet għall-fondi għandhom jipprevedu l-pagament tal-kontribuzzjoni tal-Kanada mhux aktar tard minn 45 jum wara li tinħareġ is-sejħa għall-fondi. Jekk dan il-Ftehim jiġi ffirmat wara l-1 ta' Ġunju, għall-ewwel sena ta' implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll, il-Kummissjoni Ewropea għandha toħroġ sejħa waħda għall-fondi, fi żmien 60 jum mill-iffirmar ta' dan il-Ftehim. Kull sena mill-2027, is-sejħiet għall-fondi għandhom jirriflettu wkoll l-ammont tal-korrezzjoni awtomatika applikabbli għall-kontribuzzjoni operazzjonali mħallsa għas-sena N-3. Għal kull waħda mis-snin finanzjarji l-2028, l-2029 u l-2030, l-ammont li jirriżulta mill-korrezzjoni awtomatika applikata għall-kontribuzzjonijiet operazzjonali mħallsa fl-2025, fl-2026 u fl-2027 mill-Kanada se jkun dovut lill-Kanada jew mingħandha. Il-Kanada għandha tħallas il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha skont dan il-Protokoll f'konformità mat-taqsima III ta' dan l-Anness. Fin-nuqqas ta' pagament mill-Kanada sad-data dovuta, il-Kummissjoni għandha tibgħat ittra formali ta' tfakkira. Ir-rata tal-imgħax fuq l-ammonti riċevibbli mhux imħallsa fid-data dovuta għandha tkun ir-rata li japplika l-Bank Ċentrali Ewropew fl-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li tkun fis-seħħ fl-ewwel jum kalendarju tax-xahar meta kien dovut il-pagament, u miżjuda bi 3,5 punti perċentwali.

3. Sakemm il-Kanada ma tassoċjax mal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni li jmiss, meta l-ammont li jirriżulta mill-korrezzjoni awtomatika jkun dovut mill-Kanada, il-Kummissjoni Ewropea għandha toħroġ, mhux aktar tard minn Ġunju ta' kull sena finanzjarja l-2028, l-2029 u l-2030, sejħa għall-fondi lill-Kanada, li għandha toħroġ ħlas favur il-Kummissjoni Ewropea fi żmien 6 xhur mid-data tal-ħruġ tas-sejħa għall-fondi. Jekk l-ammont li jirriżulta mill-korrezzjoni awtomatika jkun dovut mill-Kummissjoni Ewropea lill-Kanada, il-Kanada għandha tissottometti talba għal pagament lill-Kummissjoni Ewropea, li għandha toħroġ pagament favur il-Kanada fi żmien 6 xhur mid-data tal-ħruġ tat-talba għal pagament. Kwalunkwe dewmien fil-pagament tal-ammonti msemmija fil-paragrafu 2 tat-taqsima III, għandu jwassal għall-pagament tal-imgħax fuq l-ammont pendenti mill-Kanada jew lill-Kanada mid-data dovuta għall-pagament. Ir-rata tal-imgħax fuq l-ammonti riċevibbli mhux imħallsa fid-data dovuta għandha tkun ir-rata msemmija fil-paragrafu 2 tat-taqsima III.

ANNESS II

Lista tal-programmi, tal-proġetti u tal-attivitajiet ekwivalenti tal-Kanada miftuħa reċiprokament għall-entitajiet tal-Unjoni

Il-lista mhux eżawrjenti li ġejja għandha titqies bħala programmi, proġetti u attivitajiet tal-Kanada ekwivalenti għall-Pilastru II tal-Programm Orizzont Ewropa:

— Il-Kumitat ta' Koordinazzjoni tar-Riċerka tal-Kanada (CRCC) – Fruntieri Ġodda fil-Fond għar-Riċerka (NFRF): Esplorazzjoni, Internazzjonali, Trasformazzjoni, Sejħiet Speċjali;

— Kunsill tar-Riċerka dwar ix-Xjenza Naturali u l-Inġinerija (NSERC): Għotjiet tal-Alleanza, għotjiet Internazzjonali tal-Alleanza, għotjiet Internazzjonali tal-Alleanza Quantum; Esperjenza Kollaborattiva fir-Riċerka u t-Taħriġ (CREATE) Quantum Call;

— Kunsill ta' Riċerka dwar ix-Xjenza Soċjali u l-Umanistika tal-Kanada (SSHRC): Għotjiet ta' Sħubija.